# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 15 ta' Marzu tas-sena 2001.**

**Numru**

**Avviz  numru      1753/98/SM**

**John Chetcuti**

**vs**

**Andy Zammit**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-16 ta' Settembru tas-sena 1998 li permezz tieghu l-attur John Chetcuti sejjah lill-konvenut Andy Zammit quddiem din il-qorti biex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lill-attur s-somma ta' erba' mija u sebghin Lira Maltin (LM470), jew somma verjuri li tigi likwidata mill-Qorti bhala danni li sofra l-attur meta gewwa Triq Mannarino Birkirkara, fit-28 t'April 1998 il-konvenut kien qed isuq vettura numru TAL 405 laqat il-vettura numru HAE 997 propjeta' ta' l-attur u dana prevja dikjarazzjoni li din il-kollizjoni grat unikament minhabba**

**negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;**

2. **Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra legali datata 18 ta' Mejju 1998 u dik kontra l-assigurazzjoni tieghu datata 18 ta' Gunju 1998, u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-16 t'Ottubru ta' l-1998 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' dan l-Avviz ma garax tort u htija tal-eccipjenti, izda gara unikament tort u htija tas-sewwieq tal-vettura numru HAE 997 u konsegwentement l-ebda ammont ma huwa dovut lill-attur in linea ta' danni, liema danni kif pretizi mill-attur huma f'kawlunkwe kaz ezagerati;**

2. **Salve eccezzjonijiet ohra;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri intavolata f'dawn l-atti minn rapprezentant legali differenti u datata t-13 ta' Novembru ta' l-1998 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident meritu tal-kawza sehh minhabba tortijiet imputabbli lill-attur;**

2. **Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa minn issa ngunt in subizzjoni;**

**Rat ukoll it-talba rikonvenzjonali ta' l-attur datata wkoll it-13 ta' Novembru ta' l-1998 li permezz taghha talab is-segwenti:**

1. **Illi fit-28 t'April, 1998 gewwa Triq Mannarino, Birkirkara, sehh incident awtomobilistiku bejn il-vettura tal-marka Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni TAL 405 misjuqa mill-attur u l-vettura tal-marka Fiat Ritmo bin-numru ta' registrazzjoni HAE 997 misjuqa mill-konvenut;**

**2. Illi dan l-incident sehh minhabba imperizja, negligenza u nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti da parti ta' l-attur;**

**3. Illi l-attur debitament interpellat sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u l-eventwali hlas tad-danni baqa' inadempjenti;**

**4. Ighid ghalhekk l-attur ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:**

**a. tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident li sehh fit-28 t'April, 1998 gewwa Triq Mannarino, Birkirkara bejn il-vettura tal-marka Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni TAL 405 u l-vettura tal-marka Fiat Ritmo bin-numru ta' registrazzjoni HAE 997;**

**b. Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut jekk hemm bzonn ta' periti nominandi;**

**c. Tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenut dik is-somma li tigi hekk likwidata;**

**Ghall-fini ta' kompetenza jigi ddikjarat li l-ammont ta' danni ma jeccediex is-somma ta' hames mitt lira Maltin (LM500);**

**5. Bl-ispejjez u bl-imghax skond il-ligi mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali, kontra l-attur li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur wara t-talba rikonvenzjonali tal-konvenut datata s-26 ta' Novembru ta' l-1998 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet tal-attur Andy Zammit ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dana stante illi l-incident tat-traffiku mertu ta' dana l-Avviz ma garax tort u htija tal-eccipjenti, izda gara unikament tort u htija tas-sewwieq tal-vettura TAL 405 u konsegwentement l-ebda ammont ma huwa dovut lill-attur in linea ta'**

danni, liema danni kif pretizi mill-attur Andy Zammit huma f'kawlunkwe kaz ezegerati;

2. Salv eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi preliminarjament qegheda tiddikjara li m'hix tiehu konjizzjoni tan-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-16 t'Ottubru ta' l-1998 stante li fic-cirkostanzi tidher li hi superfluwa u qed tistrieh unikament fuq dik ipprezentata wara, senjetament fit-13 ta' Novembru ta' l-1998 u fuq it-talba rikonvenzjonali maghha annessa;

Illi in oltre, il-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-kollizjoni in dizamina sehhet fit-28 t'April ta' l-1998, fi Triq Mannarino, Birkirkara, ghall-habta ta' l-1015 ta' filghodu bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni TAL-405 misjuqa fid-direzzjoni ta' l-Imsida minn Andy Zammit u dik bin-numru ta' registrazzjoni HAE-997 misjuqa fid-direzzjoni opposta minn John Chetcuti;

2. Illi f'dan l-incident kien hemm ukoll involuti zewg vetturi ohra senjatament dik bin-numru DAE-984 u dik bin-numru EAH-289 liema vetturi ma jirrizultax li huma mplikati fil-procedura odjerna;

3. Illi meta l-konducenti involuti fl-incident kellmu lill-pulizija a tempo vergine gie rappurtat li l-konvenut Andy Zammit hareg f'Mannarino Road minn tirq li h ija indikata "one way";

4. Illi dan gie ikkonfermat bil-gurament mill-istess attur li sostna li meta wasal in-naha ta' fuq ta'

**Mannarino Road hareg il-konvenut bil-vettura tieghu minn Strada San Publius, (ara fol 42);**

5. **Illi l-hsarat sofferti mill-attur jammontaw ghall-figura indikata fl-avviz odjern, u jirrizultaw konfortati mid-dokumenti esebiti;**

6. **Illi fil-versjoni tieghu l-konvenut jghid li waqt li kien neizel Mannarino Road fid-direzzjoni ta' l-Imsida vettura tal-marka Ritmo qabzet karozza ohra u baqghet diehla go fih;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-versjoni tal-konvenut ma tidhirx verosimili u lanqas tidher konfortata mir-rizultanzi tal-kawza odjerna;**

**Ghaldaqstant, din il-qorti, tichad it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut Andy Zammit, bl-ispejjez, u tilqa' dawk ta' l-attur u konsegwentement:**

1. **Tiddikjara lill-konvenut Andy Zammit responsabbli ghall-incident in dizamina;**

2. **Tillikwida d-danni ta' l-attur fl-ammont ta' erba' mija u sebghin Lira Maltin, (LM470.00,0);**

3. **Tikkundanna lill-konvenut Andy Zammit ihallas l-ammont ta' danni hekk likwidati, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**